# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 11 ta' April, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Ali Muhammed Massoud**
**Abdulhamid Saied**

**Kumpilazzjoni Nru: 172/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Ali Muhammed Massoud**, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 9001171 (A); u

**Abdulhamid Saied**, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 138450 (A).

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-10 ta' April, 2017 ghal habta ta' nofs il-lejl neqsin ghaxra (11:50pm) minn Hugo's Lounge, Triq San Gorg, San Giljan u/jew mill-vicinanzi kkommettew serq ta' handbag li kien fih Euro 250 fi flus kontanti, mobile phone tal-ghamla I Phone 7 u dokumenti personali, ghad-dannu ta' Charlotte Elizabeth Twiselton u Tamiko Mellina Solomon u/jew persuni ohraj u/jew entitajiet ohra liema serq huwa

kkwalifikat bil-'valur' (li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu Euro 232, 94) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin u sebgha u tletin centezmu  Euro2, 329.37) u bil-hin.

Abdulhamid Saied wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina peanali ta' taghhom.

Ghal dwan il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Ali Muhammed Massoud** hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax il-prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin. u

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(f), 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Abdulhamid Saied** hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax il-prigunerija.

Il-Qorti spjegat lill-imputat **Ali Muhammed Massoud** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**